

Brussell, 4 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6996/26

COH 43
FIN 364

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15635/25
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2025 tal-QEA intitolat "Korrezzjonijiet finanzjarji fil-politika ta' Koeżjoni: Qafas kumpless u deċiżjoni waħda biss adottata mill-Kummissjoni sa issa" - Approvazzjoni

1. Fl-20 ta' Novembru 2025, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva r-Rapport Speċjali Nru 22/2023 "Korrezzjonijiet finanzjarji fil-politika ta' Koeżjoni: Qafas kumpless u deċiżjoni waħda biss adottata mill-Kummissjoni sa issa".
2. Skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri¹, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Novembru 2025, ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi biex jeżamina dan ir-rapport skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

¹ Dokument 7515/00 FIN 127 + COR 1.

3. Il-Qorti tal-Awdituri ppreżentat ir-rapport fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-2 ta' Diċembru 2025. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill propost mill-Presidenza fil-laqgħat tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2025² u l-20 ta' Jannar 2026³.
4. Fl-4 ta' Marzu 2026, il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi laħaq qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill anness⁴ hawnhekk, abbażi tat-tielet proposta ppreżentata mill-Presidenza.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

² WK 16840/2025 INIT.

³ WK 16840/2025 REV 1.

⁴ WK 16840/2025 REV 2.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2025 mill-Qorti tal-Awdituri:

"Korrezzjonijiet finanzjarji fil-politika ta' Koeżjoni - Qafas kumpless u deċiżjoni waħda biss adottata mill-Kummissjoni sa issa"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Rapport Speċjali Nru 22/2025 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") għar-Rapport;
2. JENFASIZZA l-importanza ta' ġestjoni finanzjarja tajba fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE u konsegwentement l-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji meta jkun meħtieġ biex il-baġit tal-UE jiġi protett kontra l-irregolaritajiet;
3. JINNOTA li taħt ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea flimkien huma responsabbli għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, u li l-korrezzjonijiet finanzjarji huma previsti mir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Komuni 1303/2013 u 2021/1060, applikabbli rispettivament għall-perjodu 2014-2020 u għall-perjodu 2021-2027, bl-għan li n-nefqa irregolari tiġi eskluża mill-finanzjament tal-UE;
4. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta l-adeqwatezza tal-qafas regolatorju għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali (QFP) preċedenti u attwali (2014-2020 u 2021-2027), l-użu xieraq tal-qafas regolatorju mill-Kummissjoni biex tapplika korrezzjonijiet finanzjarji, kif ukoll is-sistema stabbilita mill-Kummissjoni għar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji;

5. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:

- Il-qafas legali jagħti lill-Kummissjoni diskrezzjoni kemm rigward meta għandha tnedi l-proċedura ta' korrezzjoni finanzjarja kif ukoll rigward kemm tista' tiegħu żmien;
- Hemm każijiet li fihom il-Kummissjoni pproponiet korrezzjonijiet sistemiċi b'rata fissa li kienu jinkludu żbalji li kienu ġew identifikati individwalment li kellhom jiġu kkwantifikati separatament;
- Il-Kummissjoni mhux dejjem nediet proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja fil-pront wara li r-rapport tal-awditjar finali kien ġie approvat, minħabba li l-osservazzjonijiet fir-rapporti tal-awditjar finali ma kinux sostanzjati biżżejjed, u mhux dejjem ippreżentaw pożizzjoni finali;
- Uħud mill-korrezzjonijiet finanzjarji proposti inizjalment mill-Kummissjoni tnaqqsu sussegwentement mingħajr ma ġiet ipprovduta ġustifikazzjoni biżżejjed;
- Il-gwida u l-kriterji tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti ewlenin u għall-ewalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqasijiet serji, mhumiex ċari biżżejjed, u spiss jiġu applikati b'mod inkonsistenti;
- Il-korrezzjonijiet futuri stmati ma jirriflettux il-kapaċità tal-Kummissjoni li tidentifika u tikkoreġi l-iżbalji fin-nefqa tal-Koeżjoni, l-ammont totali tal-korrezzjonijiet mhuwiex divulgat mill-Kummissjoni u l-ammonti rrapportati mhumiex affidabbli biżżejjed;
- L-Istati Membri għamlu korrezzjonijiet finanzjarji sostantivi wara l-awditi tagħhom stess, l-awditi tal-Kummissjoni u tal-Qorti u l-investigazzjonijiet tal-OLAF.

6. JIEĦU NOTA tal-opinjoni tal-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għall-kummenti, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- L-għan li jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji huwa li jiġi protett il-baġit tal-Unjoni billi tiġi eskluża n-nefqa irregolari u mhux li tiġi imposta sanzjoni fuq l-Istati Membri, lill-implimentazzjoni tal-politika u lill-programmi meta jinstabu dgħufijiet jew irregolaritajiet fis-sistema, iżda minflok li ssir ħidma mill-qrib flimkien b'ġestjoni kondiviża biex jittejbu s-sistemi u tiġi restawrata sitwazzjoni fejn il-baġit tal-Unjoni jkun protett;
 - Is-sempliċi eżistenza fil-qafas regolatorju tal-possibbiltà li jiġu implimentati korrezzjonijiet finanzjarji netti obligatorji li jirriżultaw f'telf ta' allokkazzjonijiet kellha effett deterrenti sinifikanti u kkontribwiet għat-tiġid tal-kapaċità ta' detezzjoni u korrezzjoni fl-Istati Membri meta mqabbla ma' perjodi preċedenti;
 - It-titjib fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll mhuwiex prinċipalment infurzat jew implimentat permezz ta' proċeduri ta' korrezzjonijiet finanzjarji iżda permezz ta' għodod legali oħra, primarjament, interruzzjonijiet immedjati tal-iskadenzi tal-pagamenti b'azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa, u sospensjonijiet tal-pagamenti hekk kif jinstabu nuqqas serju jew irregolarità;
 - Il-baġit tal-Unjoni huwa protett indipendentement minn jekk il-korrezzjonijiet finanzjarji jiġux implimentati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, jew jekk jirriżultawx fit-tnaqqis jew le tal-kontribuzzjoni tal-UE, billi n-nefqa irregolari hija eskluża mill-pagamenti tal-UE u għalhekk mill-baġit tal-Unjoni;
7. JIRRIKONOXXI l-valutazzjoni tal-Qorti li hemm għadd ta' dgħufijiet fit-tfassil tal-mekkaniżmu ta' korrezzjonijiet finanzjarji għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni li jridu jiġu indirizzati, u li l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet hija biss parzjalment effettiva għas-salvagwardja tal-baġit tal-Unjoni;
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u tiżgura implimentazzjoni f'waqtha u proporzjonali tal-korrezzjonijiet finanzjarji, f'konformità mal-liġi applikabbli, b'konsistenza fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti ewlenin, u b'rispett għad-dritt tal-Istati Membri u l-benefiċjarji li jiddefendu lilhom infushom u li jipprovdu l-evidenza meħtieġa f'kull stadju tal-proċedura;

9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni ttejjeb il-mod kif il-korrezzjonijiet jiġu rrapportati fir-Rapporti Annwali tal-Attività u fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-politika ta' Koeżjoni, kif irrakkomandat mill-Qorti, filwaqt li tirrispetta l-qafas legali definit mill-koleġislaturi fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri;
10. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' korrezzjoni effettiv, trasparenti, proporzjonat u prevedibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, bl-għan kemm li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, kif ukoll li jinkisbu l-prijoritajiet ta' politika, b'ċarezza aħjar dwar id-definizzjonijiet ta' irregolaritajiet u l-liġi applikabbli.
